MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2013

Numru. 2/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Luigi Zahra, ta' 32 sena bin Joseph u Rita nee' Vella, imwieled Rabat (Ghawdex), nhar it-28 ta' Settembru, 1977, residenti fil-fond numru 56B, Xemx, Triq Skappuccina, Zebbug, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 27677(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi **LUIGI ZAHRA** li gie akkuzat talli nhar il-21 ta' Awwissu, 2009, u fix-xhur ta qabel, bhala propjetarju, u/jew amministratur/i u/jew ghamel xoghol gewwa ghalqa f'inhawi maghrufa bhalla Ta' Kenga, Triq ix-Xwejni, Marsalforn limiti taz-Zebbug,

Ghawdex, b'diversi atti maghmulin minnu b'rizoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti;

a) Kellu fil-propjeta' l kontroll tieghu sors t'ilma tal-pjan u/jew ghamlu thaffir u/jew xort'ohra kiseb access ghall-istess sors minghajr l-awtorizzazzjoni tal-awtorita' kompetenti jew xort'ohra naqas jgharraf lill-awtorita` kompetenti li kellu tali sors;

b) Wettaq xi attivita' jew operazzjoni jew kien ingaggat f'attivita` jew operrazzjoni tali li tirrigwarda r-rizorsi tal-energija, l-ilma u l-minerali meta ma kellux licenzja, permess jew awtorizzazzjoni ohra minghand l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi (MRA);

c) Meta bhala utent ta' sors tal-ilma ta' taht l-art naqas milli jinnotifika lill-Awtorità ta Malta dwar ir-Rizorsi (MRA) fiz-zmien stabbilit fir-regolament 3, jigifieri 20 ta' Novembru, 2008 jew ipprezenta informazzjoni zbaljata, mhux kompluta jew falza fil-formola tan-notifika;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota tar-rinviju tal-Avukat Generali tal-11 ta' Mejju 2010;

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara illi r-rekwizit 'c' fin-nota ta' rinviju hija akkuza alternattiva ghall-akkuzi indikati fir-rekwiziti 'a' u 'b';

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha li tigi nflitta, il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat u l-fatt illi l-imputat iddikjara li lest jirrimedja ghas-sitwazzjoni u jaghlaq il-bore hole inkwistjoni;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 5, 6 u 15 tal-Avviz Legali 254/2008 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum;

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan iz-zmien ta' liberta' kundizzjonata;

Il-Qorti tordna lill-imputat jaghlaq il-bore hole mertu tal-kaz a spejjez tieghu u dan taht id-direzzjoni tal-espert tal-Awtorita' ta' Malta Dwar ir-Rizrosi u dan sal-ahar ta' Lulju 2013.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------